# 67. Il-X ta’ Settembru 1942

Erba’ snin ilu d-dgħajsa ta’ mħabbitna
tellgħet il-qlugħ bajdan, u bdiet biex taqsam
il-baħart al-imħabba, erba’ snin ilu
sew sew illum.

Iżda minn l-ewwel nett il-mewġ u l-ħalel,
bħal ħafna dbieb ħanjin bir-ragħwa f’ħalqhom,
ħebbew għaliha, ħadu l-qlugħ u s-sarsi
u qaċċtu l-arbli.

Imma ġenbejn id-dgħajsa ta’ mħabbitna
baqgħu tajbin u sħaħ; għalkemm xi daqqa
kienet mgħiba ġol-mewġ, issoktat triqtha,
dejjem rebbieħa.

Illum it-temp ibbnazza, u fuq il-pruwa
naraw il-port u d-dar qegħdin joqorbu;
min ibaħħar biss jaf jgħid xi jħoss ġo qalbu
quddiem il-port.